# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 232 :: SETTEMBRU, 2015**



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


**Il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria**

*qed jorganizza*

# PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

**Nhar il-Ħadd, 20 ta' Settembru, 2015**

**fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2.00 pm**

*Kulħadd mistieden li jattendi u ġibu lil tal-familja u lill-ħbiebkom magħkom — **DĦUL B'XEJN***

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **25 ta'Settembru, 2015,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## LAQGĦA ĠENERALI ORDINARJUA 2015

Fis-7 ta' Awwissu 2015 saret il-Laqgħa Ġenerali tal-Akkademja. Il-laqgħa fetaħha s-Segretarju, Joseph P. Borg. Huwa tkellem dwar il-ħidma li wettqet l-Akkademja u ħareġ il-punti ewlenin tar-rapport amministrattiv. Wara kien imiss lill-Inġ. Maurice Mifsud Bonnici, it-Teżorier, li ta rendikont finanzjarju. L-aħħar kelma kienet f'idejn il-President, Olvin Vella, li tkellem dwar il-viżjoni tal-Akkademja fl-aħħar sentejn. Semma l-proġetti li twettqu u oħrajn li għad iridu jkomplu jitwettqu. Huwa rringrazzja lill-membri tal-kunsill tal-impenn kontinwu tagħhom.

Il-kunsill il-ġdid għall-perjodu 2015-2017 inħatar b'elezzjoni; hu magħmul minn Olvin Vella (President), Joseph P. Borg, Phyllis Debono, Dr George Farrugia, Reno Fenech, Victor Fenech, Inġ. Maurice Mifsud Bonnici, Achille Mizzi, Rita Saliba, Trevor Żahra u Claire Zerafa. Il-ħatra tal-bqija tal-karigi uffiċjali se ssir fl-ewwel laqgħa tal-kunsill.

## FRAŻARJU MALTI-RUSSU

Ir-relazzjoni dejjem tikber bejn il-popli ta' Malta u tar-Russja tagħmel parti mill-progress tal-lum il-ġurnata fl-oqsma soċjali, kulturali u ekonomiċi taż-żewġ pajjiżi. Qed jiżdied ukoll in-numru tal-Maltin li jixtiequ jikkomunikaw mal-ħbieb Russi bil-lingwa nattiva tagħhom hawn f'Malta jew waqt il-vjaġġ lejn il-pajjiżi li jitkellmu bl-ilsien Russu.

Meta Yana Psaila wrietni x-xogħol irfinut tagħha - il-Frażarju Malti-Russu, jien bqajt għalkollox imgħaġġeb bl-approċċ studjat li mxiet bih f'dan ix-xogħol. Apparti mill-kliem, il-frażijiet u l-espressjonijiet li jintużaw ħafna fil-ħajja ta' kuljum, hawn wieħed isib il-preżentazzjoni ċara tal-alfabett Russu bil-kummenti, inklużi regoli grammatikali bażiċi, in-numri ordinali u kardinali, l-ismijiet tal-ġranet tal-ġimgħa u dawk tax-xhur kif ukoll glossarji tematiċi fl-aħħar ta' xi taqsimiet li huma mibnijin skont il-prinċipju tematiku. L-approċċ imitattiv fil-pronunzja tal-kliem Russu mingħajr l-introduzzjoni tas-sinjali fonetiċi speċjali jagħmel dal-ktieb eħfef fl-użu tiegħu u jaqdi kull sitwazzjoni komunikattiva aħjar. L-imħabba u d-dedikazzjoni ta' Yana għal-lingwa Maltija tnisslu min-natura tal-professjoni tagħha bħala Lingwista-Lettriċi fit-Teorija u l-Metodoloġija tat-Tagħlim tal-Lingwi u l-Kulturi barranin. Hija ggradwat b'Maġisteru (M.A.), titkellem bil-Malti, bl-Ingliż kif ukoll bil-Franċiż, il-Ġermaniż u l-Grieg. Il-personalità ġentili u romantika tagħha hija espressa b'abbundanza fl-imħabba għall-kitba tal-poeżija kif wieħed jista' jara fl-aħħar ta' dan ix-xogħol maestuż, il- Frażarju Malti-Russu.

***Maurice J. Lubrano** (eks Ambaxxatur ta' Malta f'Moska)*

## Lil Amy Dorrit

Ċkejkna Dorrit,
tinsiex li għad trid tiflittja
ftit ġentilezza lill-ħajja tagħna.
Forsi ma tafx kif, titfewwaħ
dina l-arja marradija mpestata,
forsi n-nies jiddakkru minnek,
jerġgħu jagħtu nifs lid-dinja
li qed jirfsuha taħt qigħan maħmuġa
b'żarbun bħal ta' Cindirella
li avolja ma jiġi lil ħadd,
xorta qed irossu saqajhom fih.
Jekk minn barra qed jidher tal-kristall,
tingannax ruħek...
Kulħadd tgħallem jimmanuvra
dil-ħrafa kif jaqbel lilu...

***Amanda Busuttil***
9 ta' Awwissu 2015

# FESTIVAL MEDITERRANJU TAL-LETTERATURA FIL-FORTI SAN'IERMU

L-għaxar edizzjoni tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta organizzat minn Inizjamed ittellgħat il-Ħamis 27, il-Ġimgħa 28, u s-Sibt 29 ta' Awwissu, fil-Forti Sant'Iermu, il-Belt Valletta, fit-8.00 pm. Minbarra l-qari ta' novelli u poeżiji minn ħdax-il awtur minn tmien pajjiżi, kien hemm mużika jazz u alternattiva, tliet "films tal-poeżija", fosthom wieħed Malti mnebbaħ minn poeżija ta' Mario Azzopardi, kotba għall-bejgħ, u ikel u xorb. Id-dħul kien b'xejn.

Il-Ħamis 27 ta' Awwissu qraw il-poeta Tork Efe Duyan, il-poetessa u novelliera Maltija li tgħix Franza Nadia Mifsud, ir-rumanzier u novellier Ingliż ta' nisel Malti James Vella, u l-poeta u politologu magħruf Palestinjan Tamim Barghouthi, rebbieħ ta' bosta premjijiet, li ntervistah Walid Nabhan. Missier l-awtur huwa l-poeta Mourid Barghouthi, u ommu r-rumanziera u studjuża Eġizzjana, Radwa Ashour. Il-grupp mużikali mistieden għal din l-ewwel lejla kien Brodu, li l-ewwel album tiegħu ntlaqa' tajjeb ħafna, u Caldon Mercieca ippreżenta wieħed mill-"films tal-poeżija" bi sħab ma' Highlight Arts.

Il-Ġimgħa 28 ta' Awwissu, l-awturi li qraw kienu l-poeta Tuneżin Moëz Majed, l-awtur ewlieni Malti Trevor Żahra, il-poetessa Slovena Jana Putrle Srdić, u r-rumanzier magħruf Ingliż-Libjan Hisham Matar, li stabbilixxa ruħu fix-xena internazzjonali bir-rumanz rebbieħ ta' bosta premjijiet In the Country of Men. Hisham Matar, li ġie ntervistat minn Albert Gatt, jikteb regolarment f'rivisti u gazzetti ewlenin bħal The Guardian, u xandar parti mit-tielet rumanz tiegħu, li ħiereġ fl-2016, f' The New Yorker. The Return jibda bi vjaġġ li għamel l-awtur fil-Libja fl-2012, l-ewwel darba li reġa' lura l-Libja fi tlieta u tletin sena. F'din it-tieni lejla daqq it-trio jazz ta' Nadine Axisa u ntwera film ieħor bi sħab ma' Highlight Arts.

L-awturi li qraw is-Sibt 29 ta' Awwissu kienu r-rumanzier John Bonello, il-poeta u akkademiku Norbert Bugeja, u r-rumanziera u akkademika ta' fama internazzjonali Marina Warner, li ntervistatha Gloria Lauri-Lucente, Deputat Dekan fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. Din is-sena l-Prof. Marina Warner ingħatat il-Premju prestiġjuż Holberg għall-kontribut straordinarju tagħha fl-Oqsma Umanistiċi u mexxiet il-ġurija tal-Premju Internazzjonali Man Booker tal-2015. Warner, li ommha kienet Taljana u missierha bejjiegħ tal-kotba Ingliż, trabbiet l-Eġittu, il-Belġju u l-Ingilterra, u qed tikteb rumanz ambjentat fil-Kajr fis-snin 50 tas-seklu 20, imnebbaħ mill-istorja tagħha.

Is-Sibt, il-grupp mużikali mistieden kien dak jazz ta' Oliver Degabriele feat, Joe Debono and Joseph Camilleri. Is-Sibt ukoll, bl-għajnuna tal-Fondazzjoni Valletta 2018, Inizjamed intwera għall-ewwel darba "film tal-poeżija" mnebbaħ minn "Ried Ikun Jaf" ta' Mario Azzopardi. Id-direzzjoni hija ta' Edward Said u l-produzzjoni ta' Emma Mattei.

Is-sit tal-Festival huwa inizjamedmalta.wordpress.com u l-paġna fuq Facebook jisimha "Malta Mediterranean Literature Festival 2015".

# L-IMĦABBA TAL-ISTILLA POLARI




L-awtriċi żagħżugħa, li twieldet fis-Siberja imma ilha disa' snin tgħix f'Malta, issejjaħ lil dan il-ktejjeb souvenir poetiku. Jiġbor fih ħdax-il poeżija li hija kitbet direttament bil-Malti. Yana Psaila llum tgħid li l-Malti għaliha sar it-tieni lsien nattiv tagħha. Dak li joħroġ mill-versi f'din il-ġabra hu leħen romantiku għall-aħħar, imma anki riflessiv, nostalġiku, melankoliku, xi drabi saħansitra ironiku. Toħroġ ċara l-imħabba tagħha lejn l-ilsien Malti kemm fit-tħaddim meqjus ta' dan ilsienna kif ukoll f'poeżija bħal Lill-Prof. Manwel Mifsud. Yana Psaila tissaħħar f'kuntatt mal-qamar, tappreza s-sbuħija tax-xemx u l-baħar li jżejnu l-gżejjer Maltin, tiddjaloga ma' preżenza inviżibbli, u ma taħfirhiex lill-plejboj Mediterranju.

**Patrick Sammut** (IL-PONT: Marzu 2014)

## *ITTRI LI NIRĊIEVU...*

Għażiż Paul, Grazzi ħafna tal-Folju GLM t'Awwissu li bħas-soltu ħadt pjaċir bih ħafna.
Nifraħ lilek u lill-membri l-oħra tal-kumitat tal-GLM taċ-ċertifikat li rċevejtu mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u mill-President tal-Bord tal-Ġurija tal- PREMJU FRANS SAMMUT 2014. Dan juri li x-xogħol u l-kontribuzzjonijiet siewja tiegħek u tal-Għaqda, għat-tkattir, għall-preservazzjoni u għat-tixrid tal-Kelma u l-Letteratura Maltija qegħdin aktar jinfirxu u jiġu apprezzati mhux biss hawn l-Awstralja imma anke f'Malta. Dan għandu jkun ta' inkoraġġiment kbir kemm għalik kif ukoll għall-membri l-oħra kollha tal-GLM.
Prosit ukoll tal-Folju li did-darba huwa miżgħud b'aħbarjiet, notifiki u informazzjonijiet dwar kotba, għaqdiet u programmi Maltin interessanti.
Tislijiet sinċiera,

***Nazzarene Żerafa***

Għażiż Paul, Nieħu din l-okkażjoni biex nifraħlek ħafna tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria li inti regularment tibgħatli. Jiena naqrah u niflih sewwa għax dejjem ninduna kemm huwa attiv u ħabrieki l-grupp tagħkom. Jalla nkomplu naħdmu flimkien għall-ġid tal-komunità tagħna u biex dejjem inżommu ħajjin l-ilsien, il-kultura u t-tradizzjonijiet ħelwin li ġibna magħna meta tlaqna l-gżira għażiża tagħna MALTA.

***Frank Scicluna,** Konslu Onorarju ta' Malta f'South Australia*

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lis-Segretarja, Rosemary Attard fuq 9338-3920. Nixtiequk tkun magħna.**


Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**

# IL-LAQGĦA TA' AWWISSU



Il-laqgħa ta' Awwissu reġgħet inżammet wara nofsinhar flok filgħaxija minħabba li din is-sena kellna xitwa ftit qalila. Il-kumitat iddeċieda li f'dan ix-xahar iżomm din il-laqgħa fis-2 pm tal-Ħadd, 23 ta' Awwissu fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville.

Kellna attendenza sabiħa ħafna meta 22 membru kienu preżenti.

Xi membri qraw ix-xogħol tagħhom jew ta' kittieba oħra. Smajna qari minn Michael Xuereb, John Muscat, Joe Camilleri, Marie Louise Anastasi, Dr Victor Sammut u Manwel Cassar.

Wara kellna xi rinfreskanti u għal din l-okkażjoni kellna xi ħaġa speċjali meta l-kumitat ipprepara pizza għal kulħadd... u xi naqra nbid aħmar jew abjad, u xorb minerali u għal min jippreferi te jew kafe`.



Prosit lil dawk li ħadmu fil-kċina u ppreparaw l-ikel, l-iktar lis-*Social Secretary*, Salvina Vella, li ħadet ħsieb ix-xiri tal-pizza, eċċ.

***Ritratt ta' dawk preżenti: fuq wara, mix-xellug għal-lemin: Paul Vella, Michael Xuereb, John Muscat, Frank Bonett, George Portelli, Joe Bonett, Charles Attard, Victor Sammut, Rose Lofaro, Joe Camilleri, Jessie Xuereb, Alfred Xuereb, Mary Xuereb, Joe Lofaro, Ray Anastasi. Fuq quddiem, mix-xellug għal-lemin: Marie Louise Anastasi, Salvina Vella, Rosemary Attard, Mary Cassar, Josephine Cassar, Manwel Cassar u Bernadette Cassar.***

***Ritratt: fil-kċina, mix-xellug għal-lemin: Salvina Vella, Rosemary Attard u Marie Louise Anastasi.***

# ŻEWĠ ILĦNA POETIĊI ĠODDA

Żewġ ilħna poetiċi ġodda qegħdin jingħaqdu hawn, bħallikieku fi dwett, biex jagħtu sura lill-ideali u lill-ansjetajiet tagħhom u tal-ġenerazzjoni li huma, kif juru minnufih, jagħmlu parti minnha, imma kritikament. Il-poeżiji ta' Josef Borg u Carlston Grima, għalkemm differenti minn xulxin, jesprimu wkoll kunsens fuq għadd ta' prinċipji li huma jħaddnu u fuq sitwazzjonijiet li huma jaraw madwarhom u jagħtu l-ġudizzju tagħhom dwarhom. Huma t-tnejn jinsabu mexjin fi triq li josservawha tajjeb, f'aspetti importanti tagħha, b'dehen u b'passjoni li l-poeżija tesprimi b'lealtà lejn il-kuxjenza. Lil Borg u lil Grima din l-għażla turihom bħala poeti żgħażagħ li jħossu diġà r-responsabbiltà tas-sejħa poetika: li mhux biss jaħsbu u jħossu, imma wkoll li jikkomunikaw dan kollu lill-oħrajn. Bejn l-istqarrija awtobijografika u l-kumment ġenerali, u bejn l-osservazzjoni ta' kulma jfeġġ madwarhom u kulma jiġġarrab fid-dinja ġewwiena tagħhom: hemm huma jirnexxilhom jinsġu flimkien poeżiji li mhux biss huma twieqi mbexxqa fuq is-sensibbiltà tagħhom stess, imma huma wkoll stedina biex żgħażagħ oħrajn iħossu magħhom, u bħalhom jegħlbu l-apatija. Din hi sewwasew il-missjoni dejjiema tal-Poeżija, u sa minn kmieni Josef Borg u Carlston Grima qegħdin hawnhekk jaqduha tajjeb b'riflessjonijiet li għandhom jinteressaw lil bosta.

*Prof. Oliver Friggieri*

# ID-DIZZJUNARJU TA' SOLDANIS SE JARA D-DAWL

Frott tmien snin ta' ħidma biex dan l-ewwel dizzjunarju miktub minn Malti u t-tieni l-aktar dizzjunarju qadim bil-Malti jiġi pubblikat 250 sena wara li nkiteb



L-ewwel dizzjunarju miktub minn Malti mistenni jkun ippubblikat is-sena d-dieħla, 250 sena wara li tlesta minn dak li hu meqjus bħala Missier l-istudju tal-ilsien Malti, Ġan Piet Franġisk Agius de Soldanis.

MaltaRightNow.com iltaqa' ma' Rosabelle Carabott, li bħalissa għaddejja bit-teżijiet biex is-sena d-dieħla jkun ippubblikat dan id-dizzjunarju li beda jinkiteb aktar minn 250 sena ilu minn dan l-akkademiku Għawdxi tas-Seklu Tmintax.

Id-dizzjunarju ġie transkritt mill-ġdid minn żewġ eksstudenti tal-Malti – l-istess Rosabelle Carabott u Joanne Trevisan, li bħala parti mit-teżi tagħhom għall-Baċellerat tal-Malti, iddeċidew li għandhom jikkupjaw u jippubblikaw id-dizzjunarju ta' de Soldanis lill-pubbliku.

Fl-intervista ma' dan is-sit, Rosabelle Carabott fissret li x-xogħol fuq dan id-dizzjunarju ilu għaddej mill-2007, meta beda l-proċess ta' kkupjar ta' 1,032 paġna tal-ewwel volum ta' dik li tissejjaħ "Id-Damma tal-kliem Kartaġiniż."

B'paċenzja liema bħalha, il-Kanonku de Soldanis kiteb erba' volumi ta' din id-damma fuq perjodu ta' 19-il sena, iżda sfortunatament qatt ma ra x-xogħol tiegħu stampat peress li miet sena biss wara li spiċċa jikteb id-dizzjunarju.

Il-proċess tal-ikkuppjar intemm fl-2009, meta Rosabelle bdiet proċess ta' editjar li baqa' sejjer s'issa. Ix-xogħol se jkun pubblikat is-sena d-dieħla meta l-pubbliku jkun jista' jakkwista kopja ta' dan id-dizzjunarju, li filwaqt li se jkun l-ewwel dizzjunarju tal-Malti miktub minn Malti, se jkun it-tieni l-eqdem dizzjunarju bil-Malti li qatt inkiteb.

Ġan Piet Franġisk Agius de Soldanis twieled f'Għawdex fil-31 t'Ottubru 1712 u miet fl-1770. Kien l-ewwel wieħed li xandar kemm felaħ fuq l-ilsien Malti u kiteb fuq l-istorja, ir-reliġjon u l-kultura tal-Maltin.

Il-Kanonku de Soldanis kien Prokuratur fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ f'Għawdex. Hu wkoll l-ewwel storjografu ta' Għawdex u kien ukoll biblijotekarju tal-Ordni ta' San Ġwann u l-ewwel Biblijotekarju tal-Biblijoteka tal-Belt Valletta.

Issa, bis-saħħa ta' Rosabelle Carabott u oħrajn li qed jaħdmu fuq dan il-proġett, il-pubbliku Malti u Għawdxi se jkun jista' jakkwista kopja tad-dizzjunarju tiegħu mingħajr ma jkollu għalfejn joqgħod imur kull darba l-Biblijoteka Nazzjonali. Dan għandu jwassal ukoll biex fuq kollox jiġu preservati l-manuskritti li għandhom aktar minn 250 sena.

Waqt l-intervista nnutajna lil Rosabelle tqalleb bil-galbu l-paġni tant delikati tal-manuskritti, miktuba bil-pinna ta' de Soldanis stess. Hi spjegat li b'kollox hemm erba' volumi, apparti volum ieħor li de Soldanis kien diġà bħala prattika qabel beda jikteb l-erba' volumi nfushom. Id-dizzjunarju li se jkun pubblikat is-sena d-dieħla se jkun tal-ewwel volum f'din il-ġabra.

X'kien il-platt "qasqusa fuq ir-ross? X'kienet tfisser il-kelma "tomloħ"?

Rosabelle tispjega li fid-dizzjunarju hemm mijiet fuq mijiet ta' kliem bil-Malti, fosthom kliem li llum il-ġurnata m'għadhomx jintużaw. Tlabniha tagħtina eżempju, u fost l-oħrajn semmiet il-kelma "tomloħ" li hu l-verb għal meta wieħed iqaxxar il-leħja.

Qaltilna wkoll li ltaqgħet ma' kliem li fi żmien de Soldanis kellu tifsira differenti minn tal-lum. Fost dawn hemm il-kelma "oħxon", li dari kienet tirreferi mhux għal persuna li jkollha l-piż, iżda għal xi ħadd li ma jkollux manjieri.

Id-dizzjunarju jinkludi wkoll kliem li minkejja li llum il-ġurnata għadu jintuża, kellu t-tifsira tiegħu mibdula kompletament. Fost dawn insibu l-kelma "taħmi", li llum tintuża għal meta wieħed pereżempju "jaħmi kejk ġol-forn." Fi żmien de Soldanis, din il-kelma kienet tirreferi għal meta wieħed jgħid kontra xi ħadd ieħor.

Id-dizzjunarju jipprovdi minjiera ta' fatti oħra ferm interessanti u li jikxfu aktar dettall dwar l-użu tal-lingwa Maltija fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann.

Rosabelle ġġib bħala eżempju l-qawl "il-mistoqsija oħt il-għerf", li fi żmien de Soldanis kien "il-mistħija oħt il-għerf."

B'xorti tajba, mis-sena d-dieħla, din il-minjiera ta' kliem bil-Malti li kien jintuża dari issa se jkun disponibbli għall-pubbliku. Rosabelle Carabott tispjega li d-dizzjunarju hu interessanti wkoll għall-fatt li fih ammont sostanzjali ta' tagħrif kulturali.

Dan għaliex de Soldanis kien iħobb jikteb fit-tul u għaldaqstant jipprovdi tagħrif kulturali estensiv dwar ċertu kelmiet li magħhom ikun jista' jorbot l-akbar dettall possibbli.

Ftit jafu, pereżempju, li mitejn u ħamsin sena ilu kien popolari l-platt "qasqusa fuq ir-ross", li Rosabelle tispjega li kien platt popolari kemm mal-bdiewa kif ukoll mas-sinjuri, u li ma kien xejn għajr majjal mimli ġobon, imsajjar il-forn fuq sodda ta' ross u basal.

Ma' MaltaRightNow.com Rosabelle tispjega bi tbissima fuq wiċċha li fid-dizzjunarju, de Soldanis saħansitra kiteb biex jassigura li t-togħma ta' dan il-platt kienet waħda mill-aħjar!

Il-proġett sar taħt is-superviżjoni ta' Olvin Vella – lekċerer tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti – u bħalissa għaddej ix-xogħol finali biex il-pubblikazzjoni tkun tista' tiġi stampata.

Din il-biċċa xogħol se tara d-dawl grazzi għall-kollaborazzjoni ma' numru ta' entitajiet u organizzazzjonijiet fosthom l-Akkademja tal-Malti, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, il-Biblijoteka Nazzjonali, Heritage Malta, id-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, l-RIDT – il-Fond tar-Riċerka tal-Università, u BPC International Limited.

**Nirringrazzja lil Joe Borg, Patrick Sammut, l-Akkademja tal-Malti u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta li nirċievu mingħandhom. Grazzi wkoll lil Rose Lofaro għall-għajnuna li nirċievi.**

**Grazzi u napprezza ħafna.**